MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1809/2004

**Elmo Insurance Limited**
**Vs**
**Philip Galea**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fid-29 ta’ Settembru, 2004 fejn is-soċjeta` attriċi talbet sabiex il-konvenut ikun ikkundannat iħallas is-somma ta’ Lm 150 (mija u ħamsin lira Maltija) bħala ħlas ta’ policy excess fir-rigward ta’ vettura Nur. EAU 142 li kienet involuta f’inċident stradali fis-27 ta’ April 2002.

Fl-Avviż tat-talba intqal illi:-

Din hija istanza fejn is-soċjeta’ attriċi qed titlob il-kundanna tal-konventu għall-ħlas ta’ mija u ħamsin lira Maltija (Lm 150) minnu dovuta bħala policy excess skond kuntratt ta’ assikurazzjoni li l-konvenut kellu mas-soċjeta’ attriċi fir-rigward ta’ vettura Nru. EAU 142 li kienet involuta f’inċident stradali ġewwa Tas-Sliema fis-27 ta’ April, 2002

u li dwaru kienet reġistrata claim mas-soċjeta' attriċi bin-numru 02B329(4).

Oltre s-sorte, il-konvenut għandu jħallas ukoll l-ispejjeż tal-kawża kompriżi l-ispejjeż ta' ittra uffiċjali (b'żewġ ħlasijiet ta' notifika) tat-23 ta' April, 2004 u bl-imgħax legali b'effett mit-23 ta' April, 2004 sad-data ta' l-effettiv pagament.
Ra r-risposta tal-konvenut Philip Galea fejn ingħad:-

Illi l-konvenut jirrispinġi l-allegazzjonijiet ta' l-attriċi bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt stante pagament.

Għalkemm il-konvenut ma żammx irċevuta, se jiġi ampjament ippruvat illi l-mija u ħamsin lira Maltija (Lm 150) mitluba bħala policy excess kienu fil-fatt tħallsu.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-kawża si tratta di retensjoni għall-pagament allegatament mhux magħmul mill-konvenut mentri l-konvenut jallega li l-pagament għamlu. Chi allega il pagamento deve provare lo stesso.  Bħala xhieda l-konvenut tela'  jixhed huwa u t-tifel tiegħu Jean Mark Galea li kien għamel il-prim stanza l-pagament.

Hawnhekk si tratta dwar mija u ħamsin lira (Lm 150) li s-soċjeta', assikuratriċi bħala excess fuq polza wara rraportar ta' inċident automobilistiku.

Il-konvenut jallega li t-tifel tiegħu ġie mogħti riċevuta pero' dina r-riċevuta ġiet mitlufa u ma nstabet l-ebda traċċa.  Il-biċċa hi li anki mill-istruttura tas-soċjeta' attriċi ma jirriżulta l-ebda pagament u ssostni illi bħala tali kumpanija, bħala tali organizzazzjoni anki l-inqas pagament li kien isir kien jiġi redatt.  Di fatti huma għall-ewwel ħallsu lill-garaxx riparatorju s-somma mitluba minnu wara li tnaqset pero' s-somma ta' excess stante dan ma ġiex imħallas mill-konvenut pero' dawn kellhom ihallsuh in vista li kienu ordnaw ix-xogħolijiet huma stess.

Li kieku l-istess pagament effettivament ġie riċevut minnhom, dana kien jirriżultalhom mill-kotba tagħhom. Dan pero' ma jirrizultax.

Il-fatt ta' riċevuta hija l-aqwa prova li tista’ tingħata meta jiġi allegat pagament.  Anchor che dan ma jsirx, ikun hemm tali ċirkostanzi li jistgħu jikkonvninċu lit-Tribunal jew lill-kwalunkwe Ġudikant li tiġi aċċettata l-allegazzjoni tal-pagament avolja m'hemmx riċevuta per iskritt jew riżultanti mill-kotba.  Pero' trid issir tali prova li tkun konvinċenti lil min irid jiddeċiedi.  F'tali ċirkostanzi li din il-prova ma saritx u għalhekk it-talba attriċi għandha tintlaqa’.

Jiddeċiedi billi jilqa' t-talbiet attriċi, jiċħad l-eċċezjoni tal-konvenut u jikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' mija u ħamsin lira Maltija (Lm 150) bl-ispejjeż u bl-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------